## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Edwina Grima

Appell Nru. 42/2017

Seduta tal-31 ta' Lulju 2019

**Il-Pulizija**

**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs**

**Kevin Cassar**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-uffiċjal tal-probation Charisse Boffa ippreżentat nhar l-1 ta' Ġunju 2005 fejn iddikjarat illi hi qed issegwi lill-appellant Kevin Cassar, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 43270 M minn mindu ingħata Ordni ta' Probation fid-9 ta' Ġunju 2014 mill-Qorti tal-Magistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u fejn issottomettiet is-segwenti.:

> Għandu jiġi nnutat li din l-Ordni waslet id-Dipartiment tal-Probation u l-Parole fil-5 ta' Novembru 2014, L-akkużat beda jattendi għal sessjonijiet iżda kien jagħmel dan b'mod inkonsistenti minħabba li huwa kien isostni li ma jkunx jista' jitlaq mix-xogħol jew jieħu l-leave. Tul ix-xhur l-attendenza tiegħu baqgħet waħda sporadika minkejja li l-Uffiċjal sottoskritt ġibditlu l-attenzjoni kemm il-darba.
>
> Rigward aspett ta' xogħol, l-akkużat jirrimarka li huwa qiegħed jaħdem bħala xufier mal-kumpanija Silver Star Limited. Dan ix-xogħol jidher li mhux wieħed regolarizzat għaliex mhuwiex imniżżel fuq ir-rekords tal-Korporazzjoni għax-Xogħol u Taħriġ, minkejja l-parir tal-Uffiċjal tal-probation sabiex jirreġolarizza ruħu f'dan l-aspett. Bħala parti minn din is-sentenza l-ikkonċernat kellu jħallas lil vittma Alfredo Attard l-ammont

ta' €130 fi żmien sitt xhur. Kien wara diversi twissijiet kemm mingħand l-Uffiċjal tal-Probation kif ukoll mill-Ispettur Godwin Scerri li huwa ħallas lil-vittma fil-25 ta' Frar 2015 jiġifieri aktar minn sena wara.

Kevin Cassar għandu storja ta' problema ta' droga u jgħid li ilu dipendenti fuqha madwar tmien snin; minn meta kellu madwar 37 sena. Minn hem mhuwa beda jgħix ħajja kaotika fejn minħabba f'hekk fetaħ diversi każijiet inkluż il-każ odjern. Minn kuntatt li sar mal-keyworker ta' Kevin, Ms Marquita Camilleri fi ħdan l-Aġenzija Sedqa hija sostniet li Kevin ftit li xejn kien iżomm kuntatt magħha, infatti huwa attenda biss għal żewġ sessjonijiet fis-sena 2013. Dan il-kuntatt rega' beda fl-20 ta' Jannar 2015 wara li l-ikkonċernat ammetta mal-Uffiċjal tal-Probation li reġa' kellu relapse u beda jabbuża mill-eroina. Preżentement huwa għadu f'kuntatt mad-Detoxification Outpationts Units (Detox) fl-Isptar San Luqa fejn jattendi appuntamenti ma Dr. Anna Vella. L-ikkonċernat reġa' beda jmur kuljum għall-methadone u qiegħed fuq doża ta' 40cc. Minn kuntatt li reġa' sar ma' Ms Marquita Camilleri irriżulta li Kevin Cassar ilu madwar tlett xhur ma jagħmel kuntatt magħha.

Kevin Cassar jispjega li huwa jsibha ferm diffiċli sabiex jagħti kampjun tal-urina taħt superviżjoni minħabba li jħossu taħt pressjoni. Minn kuntatt li sar ma' Dr Anna Vella fi ħdan id-Detox hija tgħid ukoll li Kevin ikollu l-istess problema hemmhekk. Tajjeb jingħad illi it-testijiet tal-urina ġewwa id-Detox ma jittieħdux taħt superviżjoni.

Kevin Cassar ma ssottomettiex ruħu għall-ebda test tal-urina ġewwa l-Uffiċċju tad-Dipartiment tal-Probation u l-Parole bejn il-perjodu ta' Novembru 2014 sal-lum minkejja diversi tentattivi minn naħa tad-Dipartiment tal-Probation ul-Parloe sabiex jakkomodaw l-ikkonċernat ħalli jkun jista' jagħti kampjun tal-urina. L-Uffiċjal tal-Probation spjegatlu diversi drabi fuq l-importanza ta' din it-tip ta' superviżjoni u anke ssuġerietlu sabiex jitkellem ma' xi tabib privat ħalli jiġu esplorati mezzi oħrajn ta' superviżjoni fuq l-użu tad-droga. Għalkemm ġew issuġġeriti diversi alternattivi Kevin Cassar ma ħax passi f'dan ir-rigward. Għalhekk is-superviżjoni fuq l-użu tad-droga ma tistax isehħ għalkemm hija parti integrali mis-sorveljanza neċessarja.

Għaldaqstant, fiċ-ċirkostanzi, l-esponenti tħossha fid-dmir illi tattira l-attenzjoni ta' din il-Qorti sabiex tieħu dawk il-miżuri li jidrilha xierqa u opportuni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tas-23 ta' Jannar, 2017 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 21 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta u reġgħet rat artikoli 49, 50, 293 u 310 (1) (c) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta trattat ma' Kevin Cassar għar-reati li tagħhom instab ħati fid-9 ta' Ġunju 2014 daqs li kieku għadu kemm ġie dikjarat ħati u filwaqt li

kkonfermat is-sejbien ta' ħtija kif jiriżulta minn dik l-imsemmija sentenza, ikkundannatu għal erba' (4) xhur priġunerija.

Il-Qorti rrikmandat lid-Direttur tal-Faċilita Korettiva ta' Kordin sabiex Kevin Cassar jingħata l-għajnuna kollha biex jegħleb il-vizzju tad-droga.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Kevin Cassar, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fit-2 ta' Frar, 2017, fejn talab lil din il-Qorti tvarja u tbiddel is-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti billi tiddikjara li m' għandhiex tiġi fis-seħħ is-sentenza tad-9 ta' Ġunju 2014 u minflok tagħti sentenza aktar ekwa u ġusta fil-konfront tal-appellant, dana dejjem taħt dawk iċ-ċirkostanzi li jidhru xierqa lil din il-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant li fil-qosor kienu s-segwenti:

> L-ewwel Qorti ma kellha qatt terġa tirriattiva s-sentenza tad-9 ta' gunju 2014 peress li dan ma kienx jikkonsisti fi ksur ta' Ordni ta' Probation iżda f'sempliċi disgwid bejn il-probation officer u l-imputat u dan minħabba nuqqas ta' komunikazzjoni xierqa bejniethom.
>
> In oltre l-appellant isostni li hu da parti tiegħu qatt ma rrifjuta li jagħti kampjun tal-urina iżda kien isibha diffiċli sabiex jagħmel hekk minħabba l-pressjoni li jkun hemm fuqu konsiderando li jkun hemm is-superviżjoni ta' nurse. In oltre ma jidhirx li hemm metodi oħra apparti dan sabiex jiġi pprovdut test tal-urina, għalxiex l-appellant m'għandux jinżamm responsabbli.
>
> Di piu` u aktar importanti minn dan kollu, fil-fehma tal-appellant dak li ġie ntavolat mill-uffiċjal ta' probation ma kien xejn għajr għal rikors sabiex tingħata direzzjoni u mhux denunzja u b'hekk l-ewwel Qorti ma setgħet qatt tikkundannaħ u twaħħlu piena kif fil-fatt għamlet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi preliminarjament l-appellant jilmenta illi r-rikors maghmul mill-Ufficjal tal-Probation li abbazi tieghu gew istigati il-proceduri odjerni ma kienx jikkostitwixxi denunzja fit-termini tal-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, izda kienet talba maghmula mill-Ufficjal tal-Probation ghal direzzjoni mill-Qorti ghaliex l-appellant ma kienx qed joqghod ghal kundizzjonijiet imposti fuqu fl-Ordni ta' Probation u senjatament ma kienx qed jissottometti ruhu ghat-test tal-urina.

Illi l-artikolu 21 tal-Att dwar il-Probation jiddisponi illi:

> 21. (1) Jekk f'xi waqt matul il-perjodu ta' probation il-Qorti tal-Maġistrati, il-Qorti tal-Minorenni, il-Qorti Kriminali jew il-Qorti tal-Appell Kriminali, skont il-każ, tkun tal-fehma[1] li min ikun taħt probation ikun naqas li jħares xi waħda mill-ħtiġiet tas-sanzjoni komunitarja, il-qorti kompetenti tista' toħroġ taħrika li fiha titlob lil min ikun taħt probation biex jidher quddiem dik il-qorti fil-post u l-ħin hemm speċifikati, jew tista', jekk iċ-ċirkostanzi jkunu hekk jeħtieġu, toħroġ mandat għall-arrest ta' min ikun taħt probation:
>
> Iżda ħlief meta n-nuqqas allegat jinġieb għall-attenzjoni tal-qorti permezz ta' rikors mill-uffiċjal tal-probation m'għandhom jinħarġu ebda tali taħrika jew mandat mill-Qorti rispettiva, ħlief meta tingħata informazzjoni bil-miktub u li tkun konfermata b'ġurament. F'kull każ l-informazzjoni għandha tiġi ppreżentata fi żmien tliet xhur minn nuqqas allegat minn min ikun taħt probation:
>
> Iżda wkoll il-Qorti għandha tappunta għas-smigħ ir-rikors fi żmien għoxrin ġurnata mill-preżentata tal-imsemmi rikors.
>
> (2) Jekk jiġi ppruvat għas-sodisfazzjon tal-qorti, li min ikun taħt probation jkun naqas milli jħares xi ħtieġa ta' sanzjoni fil-komunità, dik il-qorti tista' mingħajr preġudizzju għat-tkomplija tas-sanzjoni, twaħħal il-ħati ammenda ta' mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94), jew tista' tittratta ma' min ikun taħt probation, għar-reat li dwaru tkun saret is-sanzjoni komunitarja, b'kull mod kif il-qorti tista' tittratta lill-ħati li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem dik il-qorti għal dak ir-reat.

[1] Sottolinear tal-Qorti.

**(3) Ammenda li tiġi imposta taħt dan l-artikolu dwar xi nuqqas ta' ħarsien ma' kull ħtieġa ta' ordni ta' probation għandha titqies għall-finijiet ta' kull liġi, imma salv id-disposizzjonijiet tal-artikolu 22(1), bħala somma aġġudikata li titħallas wara dikjarazzjoni ta' ħtija.**

Illi kwindi mill-qari ta' din id-disposizzjoni jidher ċar illi sabiex l-Qorti titratta mal-ħati għar-reat li hu kien ikkometta oriġinarjament jew alternattivament timmultah għal dan il-ksur, ma hemmx ghalfejn il-proceduri jigu istigati permezz tal-hekk imsejjha 'denunzja' mill-Ufficjal tal-Probation. Fuq kollox id-denunzja ma hi xejn ghajr avviz li jinghata mill-Ufficjal tal-Probation lil Qorti li l-hati ma huwiex qed josserva il-kundizzjonijiet imposti fuqha fl-Ordni. Jekk il-Qorti tkun tal-fehma li xi waħda jew oħra mis-sanzjonijiet imposti fuq dak li jkun tramite l-Ordni ma tkunx qed tiġi osservata, allura din wahedha hija bizzejjed biex il-Qorti tghaddi ghas-sanzjonijiet li issemmi l-ligi fl-artikolu 21 hawn fuq iccitat.

Issa l-ligi issemmi zewg metodi kif l-Ufficjal tal-Probation jattira l-attenzjoni tal-Qorti ghan-nuqqasijiet minnu ravvizati fil-persuna soggetta ghall-Ordni ta' Probation. Dan ghandu isir jew billi tinghata informazzjoni guramentata f'liema kaz il-Qorti ghandha tohrog it-tahrika lil persuna denunzjata sabiex tidher quddiemha, jew alternattivament permezz ta' rikors maghmul mill-Ufficjal tal-Probation meta allura dan ghandu jigi appuntat ghas-smiegh u notifikat lill-parti denunzjata. Illi jidher illi f'dan il-kaz giet segwieta din l-ahhar procedura permezz tar-rikors ipprezentat mill-Ufficjal tal-Probation li gibbdet l-attenzjoni tal-Qorti li d-denunzjat ma kienx qed jobdi l-Ordni fuqu imposta. Dan huwa l-iskoop tad-denunzja u cioe' li l-qorti tigi mgharrfa bin-nuqqas tal-probationer li joqghod ghal kundizzjonijiet imposti fuqu. Il-ligi ma tispecifikax, kif donnu qed jippretendi l-appellant, illi f'dak ir-rikors l-Ufficjal ghandu jressaq talba sabiex il-Qorti tapplika is-sanzjonijiet imsemmija fis-sub-incizi (2) u (3) ghall-artikolu 21 ghaliex il-Qorti hekk ghandha taghmel hekk kif tigi infurmata bin-nuqqasijiet minn naha tal-hati.

**"Ordni ta' Probation huwa haga serja, u li n-nuqqas li wiehed joqghod ghall-kundizzjonijiet ta' Ordni bhal dak huwa nuqqas serju li ghandu jgib**

**bhala regola t-tnehhija tal-Ordni u l-kundanna ghall-piena skond il-ligi tal-probationer in kwistjoni. L-ewwel qorti kienet tonqos kemm lejn is-socjeta` kif ukoll lejn l-istess probationer li kieku ma mxietx bid-determinazzjoni li mxiet biha fil-konfront ta' l-appellant odjern; is-serjeta` f'dan il-kaz kienet titlob il-provvediment li effettivament inghata mill-ewwel qorti.[2]"**

Ikkunsidrat:

Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti fliet l-atti proċesswali kollha bir-reqqa u qrat ix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation moghtija minnha tul dan il-process penali kollu u ghalhekk fuq medda ta' xhur fejn gew trattati l-problemi li qed jaffaccja l-appellant minn diversi aspetti, fosthom dik konċernanti l-ghoti tal-kampjuni tal-urina li l-aktar li hassbu lill-Uffiċjal ta' Probation u li wassalha sabiex jigi intavolat ir-rikors.

Huwa evidenti illi ghalkemm marbut bil-kundizzjoni li hu jissotometti ruhu ghall-ezamijiet tal-urina regolarment u dan sabiex jigi mistharreg jekk huwa kienx qieghed jabbuza mid-droga, l-appellant ripetutament u persistentement baqa' jiddikjara li jinsab fl-impossibilita li jaghti dawn il-kampjuni. Jidher li sar ħafna xogħol mal-appellant bit-tama li jeghleb din il-problema, inkluż il-ħatra ta' psikologa li attendiet għal diversi sezzjonijiet miegħu iżda li l-appellant aktar iva milli le naqas milli jattendi regolarment. Bil-komportament tiegħu l-appellant ma tantx wera li kellu wisq xewqa li rejalment jegħleb il-problemi li kellu u li jfieq mill-vizzju tad-droga li evidentement ħakmitu u dan peress li ma tantx kien jagħmel sforz sabiex jattendi lanqas ghall-appuntamenti lilu moghtija. Illi sahansitra l-Ufficjal tal-Probation ippruvat takkomodah minhabba l-hinijiet tieghu tax-xoghol billi taghtih appuntamenti alternattivi fil-hin li hu kien komdu, izda huwa xortawahda baqa' ma jattendiex ghall-appuntamenti. Il-fatt ukoll li meta kien jindenja ruħu jinforma lill-Uffiċjal dwar in-nuqqas ta' attendenza tiegħu, hu kien jagħmel hekk fl-aħħar minuta jew inkella wara li jkun naqas milli jidher, fejn f'ċirkostanzi kien anki jipprova jiġġustifka l-assenza tiegħu billi jġib skużi kontradittorji jew insuffiċjenti. Dan ikompli juri kemm l-

[2] Il-Pulizija vs Kevin Schembri et. deciza App.Inf. 04/06/2002

isforzi kollha li kienu qedgħin isiru miegħu sabiex isegwi l-ordnijiet li kienu mposti fuqu u li hu kien legalment obbligat li jaderixxi maghhom kienu qed isiru inutilment. Huwa għalhekk li din il-Qorti tikkondividi perfettament id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti qabilha. Mhux biss, izda mill-provi prodotti jidher illi l-inkarcerazzjoni tieghu hija l-aħjar soluzzjoni għall-appellant u dan peress illi biċ-ċar irriżulta li kien biss meta Cassar kien f"ambjent ikkontrollat li hu beda josserva l-ordnijiet imposti fuqu.

Jidher illi anke saru tentattivi mid-Dipartiment tal-Probation u l-Parole sabiex jagħti kampjun mod ieħor, izda jidher illi l-appellant bl-ebda mod ma jrid jikkopera tant illi wiehed jasal biex jifhem illi huwa ghadu jabbuza mid-droga b'mod regolari. Tant hu hekk li lanqas l-appuntamenti moghtija lilu ma gew osservati minnu, liema appuntamenti kienu mmirati prinċipalment biex tissolva din id-diffikulta'.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha, b'din il-Qorti taghmel taghha ir-rakkomandazzjoni maghmula mill-Ewwel Qorti lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin sabiex l-appellant jinghata l-ghajnuna minnu mehtiega sabiex jeghleb il-vizzju tieghu tad-droga.

Edwina Grima
Imhallef